MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 83/2012

**Andrew Mifsud ghas-socjeta` Solidsan Limited**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Solidsan Limited (*fid-decizjoni tat-Tribunal, l-isem Solids**a**n Limited, huwa erronjament indikat bhala Solids**o**n Limited*) datat 25 ta’ Mejju 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

1. **INTRODUZZJONI**

1.1 Dan hu appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta’ Reviżjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar (“it-**Tribunal**”) ta’ l-10 ta’ Mejju 2012.

1.2 It-Tribunal ċaħad l-appell imressaq mill-appellanti mingħajr ma ta każ u mingħajr ma tratta l-aggravji mressqa mill-appellant u dan in-nuqqas irendi din id-deċiżjoni appellabbli quddiem din l-Onorabbli Qorti bħala punt ta' dritt.

## 2. Il-KRONOLOĠIJA TAL-FATTI

2.1 Fl-24 ta' Awissu 2007, Rudolphe Gaerty, ressaq applikazzjoni għal "*Repositioning of pool and addition of lower basement to already existing villa – part sanctioning (pool layout and room at basement level).*

2.2 Rudolphe Gaerty huwa l-proprjetarju tal-villa bl-isem "Villa Santa Vimy" fi Triq il-Fortizza, fil-Madliena liema proprjeta hija adjaċenti ma dik ta' l-appellant odjern.

2.3 L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ("l-**Awtorita**") laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' dan il-permess b'numru ta' kundizzjonijiet.

2.4 L-appellant odjern, fil-kapaċita` tiegħu ta' *third party objector* ressaq l-aggravju tiegħu mid-deċiżjoni ta' l-Awtorita` li toħroġ il-permess u essenzjalment lmenta illi:

2.4.1 Is-sit in kwistjoni huwa posizzjonat bejn żewġ toroq f'lokalita' li hija assenjata għal *terraced villas with high landscaping quality* u li l-iżvilupp propost ukoll jeċċedi l-konfini ndikati fuq is-*site plan.*

2.4.2 Id-deċiżjoni ta' l-Awtorita` ma tirrispettax l-iżvilupp preżenti u wkoll tmur kontra id-disposizzjonijiet tal-Local Plan.

2.5 L-appellant odjern elabora dwar dawn l-ilmenti matul il-proċeduri quddiem it-Tribunal u wkoll f'sottomissjonijiet li tressqu bil-miktub.

2.6 L-Awtorita` laqgħet għal dawn l-argumenti u, fis-suċċint, sostniet li ġie rrispettat it-*terracing effect* u wkoll illi ma jidhrix li l-iżvilupp joltrepassa l-konfini tas-*site plan*. L-Awtorita` sostniet ukoll l-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp ("il-**Kummissjoni**") kienet tat varji raġunijiet għaliex ma kien hemm ebda ksur ta' *policies* jew regolamenti.

2.7 It-Tribunal ta' d-deċiżjoni tiegħu fl-10 ta' Mejju 2012 u minnha qiegħed jiġi ntavolat dan l-appell.

## 3. ID-DEĊIŻJONI

3.1 It-Tribunal ma pprovda ebda spjegazzjoni jew konsiderazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu u wara li t-Tribunal ikkwota ampjament dak li kien sostna l-appellant, l-Awtorita` u l-Kummissjoni, huwa għadda sempliċement sabiex sab illi:

"*F'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, ma rriżultax sodisfaċentment li hemm lok għar-revoka tal-permess mogħti lill-applikant. It-Tribunal għalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jiċħad l-istess u jikkonferma l-permess mogħti lill-applikant fit-22 ta' Lulju 2008 għall-applikazzjoni PA 5330/2007.*"

## 4. L-AGGRAVJU

4.1 Is-soċjeta appellanti tħossha aggravata minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant qiegħdha tinterponi dan l-umli appell minnha.

4.2 L-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi d-deċiżjoni hija kompletament nieqsa minn kull motivazzjoni u t-Tribunal naqas milli jindirizza u jitratta l-ilmenti mressqa mill-appellant sabiex jagħti almenu lill-

istess appellant raġunijiet bażiċi għaliex l-ilmenti tiegħu ma ġewx favorevolment ikkunsidrati.

## 5. L-AGGRAVJU F'AKTAR DETTALL

5.1 Ma hemmx kwistjoni li n-natura ta' dan l-aggravju tikkostitwixxi punt ta' dritt li minnu s-soċjeta` appellanta għandha dan id-dritt illi tappella.

5.2 Dan ġie kkonfermat numru ta' drabi minn din l-Onorabbli Qorti li sostniet li kemm-il darba bord jew tribunal:

"ma jagħtix każ u ma jittrattax is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti quddiemu dan jammonta għal punt ta' dritt li huwa appellabbli quddiem din il-Qorti u dan għaliex b'hekk il-Bord ma jkunx osserva wkoll il-prinċipju ta' smigħ xieraq u dak ta' *cerimus paribus*.(***Michael Attard f'isem Attard Brothers Limited v. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fit-30 ta' Novembru 2011. Dan il-principju huwa wkoll stabbilit fid-decizjonijiet* ***Michael Gatt v. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2011 u* ***Alex Montanaro nomine v. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001)".*

5.3 Il-posizzjoni legali kif spjegata min-numru ta' sentenzi hija essenzjalment is-segwenti:

"…hemm diversi sentenzi mill-Qrati nostrali li konsistentement irritenew li kull ġudikant, inkluż Tribunal jew Bord għandu jagħti konsiderazzjoni għas-sottomissjonijiet magħmula quddiemu, jeżaminahom attivament fid-deċiżjoni tagħhom, jittrattaw debitament, u jiddeċiedu dwarhom, u jekk dan ma jsirx dan jannulla l-istess deċiżjoni, u dan għaliex ma jistax jingħad li f'każi simili jkun hemm smigħ xieraq. Dawn il-prinċipji ilhom li

ġew stabbiliti minn dawn il-Qrati, u dejjem ġew kostantement ripetuti f'kull strata ta' deċiżjonijiet u din il-Qorti qed allura tikkonferma l-istess. (*Vide* ***Michael Attard f'isem Attard Brothers Limited v. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** *diga citata. Vide wkoll is-sentenzi kollha msemmija f'din is-sentenza li kollha jikkonfermaw il-posizzjoni fil-bran citat)".*

5.4 Ġie ritenut ukoll, mingħajr ebda tlaqliq, illi:

"Allura biex issir ġustizzja mal-partijiet, dik it-teżi kellha tiġi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tiġi epurata u deċiża b'motivazzjoni debitament studjata biex tagħti sodisfazzjoni anke lill-parti telliefa, u mhux tiġi dik it-teżi sempliċement skartata b'żewġ kelmiet. Naturalment, il-Qorti tifhem li l-Bord huwa, bħal din il-Qorti, mgħobbi b'numru kbir ta' kawżi li wieħed ikun irid jaqtagħhom fi żmien raġonevoli. Pero' l-proċess tal-ġustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wieħed jagħżel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mgħobbi bir-responsabbilita tal-ġudizzju ma jistax jieħu *short cut* fejn il-ġustizzja ma tkunx tippermettilu li jagħmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibbilta', b'ġudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir ħsara kbira lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja (***Michael Gatt v. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell wkoll diga kkwotata")*.

5.5 L-istess Qorti ssoktat tgħid illi:

"…dawn mhumiex konsiderazzjonijiet li wieħed jista' b'xi mod jinjora għaliex dawn jifformaw il-bażi ta' deċiżjoni motivata fuq x'hiex huwa mibni l-kunċett ta' smigħ xieraq, u kull organu ġudizzjarju, quasi ġudizzjarju, jew amministrattiv li jinjorah, ikun qed huwa stess joħloq inġustizzja bejn il-partijiet, u dan għaliex tkun qed mhux biss tiġi njorata s-sottomissjoni tagħhom, iżda wkoll ma jkun qed jingħata sodisfazzjoni lilhom għall-ilment li għandhom, li anke jekk ma jiġix milqugħ, huma għandhom

ikun jafu għaliex ma ġiex milqugħ, b'mod li meta jiġri hekk, ikun hemm mhux biss nuqqas ta' ġustizzja effettiva, fid-dehra u attwali, iżda ħela kbira ta' ħin…liema dewmien huwa fih innifsu, ksur tal-prinċipju ta' smigħ xieraq u tal-prinċipji tal-ġustizzja."

5.6 Intqal ukoll illi:

"…kif saput, taħt l-inkalzar tal-ġurisprudenza evoluta mill-organi ġudizzjarji Ewropej in materja jinsorġi l-prinċipju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirriżulta fis-sentenza iżda wkoll li din trid tkun adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawża fuq il-korrettezza fattwali u ġuridika tar-raġunijiet li waslu għad-deċiżjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-prinċipju appena aċċennat li ġie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f'kull każ kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-kwestjonijiet ta' fatt u dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kawża, kienet ċertament id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel grad li kellha tkun l-aktar eżawrijenti proprju għaliex hi l-motivazzjoni tagħha li kellha tipprovdi l-bażi ta' l-aggravju ta' l-eventwali appell mogħti lil tribunal ta' reviżjoni (***Gordon Agius v Avukat Generali*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Dicembru 2000*)".

5.7 B'kull rispett dovut lejn it-Tribunal, fuq eżami tad-deċiżjoni ta' l-istess Tribunal, jirriżulta illi t-Tribunal ma għamel b'ebda mod adegwat l-eżerċizzju fuq imsemmi. Anzi t-Tribunal, skarta għall-kollox l-aggravji tas-soċjeta` appellanti u ma ta' ebda raġuni tiegħu proprju sabiex jiġġustifika għaliex l-appell kien qed jiġi miċħud.

5.8 Fil-fatt jekk wieħed janalizza d-deċiżjoni in kwistjoni, jirriżulta li t-Tribunal jibda billi jikkwota estensivament mis-sottomissjonijiet ta' l-appellant u wkoll ta' l-Awtorita`. Sussegwentment jgħaddi biex jagħmel is-suppost konsiderazzjonijiet tiegħu.

5.9 Madankollu, jekk wieħed iħares lejn dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta illi dawn ma huma konsiderazzjonijiet tat-Tribunal xejn. Anzi, it-Tribunal jerġa

jirrepeti l-posizzjoni ta' l-appellant, jikkwota verbatim ukoll il-posizzjoni tal-Kummissjoni u kull ma jgħid huwa, sempliċement, li ***f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari,*** jiċħad l-appell. Dan mingħajr ma jikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant u mingħajr ma jispejga almenu brevement għaliex huma qed jiġu miċħuda. Bir-rispett jingħad illi dan huwa ta' preġudizzju kbir għall-appellanti li ma għandhomx posizzjoni ċara li tispjega għaliex l-aggravji minnhom sollevati qed jiġu miċħuda.

5.10 Din l-Onorabbli Qorti kellha wkoll l-opportunita` li tanalizza sitwazzjoni simili u f'dawn iċ-ċirkostanzi sostniet (b'riferenza għat-Tribunal Industrijali):

"Huwa llimita ruħu biex jagħmel ri-epilogu tar-riżultanzi istruttorji u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet mingħajr ma artikola l-ġudizzju tiegħu b'raġunijiet proprji intelliġibbli biex minnhom din il-Qorti tkun tista' tapprezza aħjar il-perkors ġuridiku u argomentativ li wassluh għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Ikollu jingħad illi, sfortunatament, il-parti deċiżorja tas-sentenza ma ssibx sussidju mill-konsiderandi tagħha għax dawn baqgħu ma ġewx provvduti, jekk mhux għar-redazzjoni ġeneralizzata illi t-Tribunal, fuq dak li osserva mix-xhieda u mid-dokumneti, jara illi t-tkeċċija ma kinitx waħda ġusta. Mill-kumplament ma nsibu ebda spjegazzjoni speċifikata li ssaħħaħ l-import tad-dispostittiv (***Joseph Saliba v. Imperial Hotels*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Dicembru 2009)".*

5.11 Hija s-sottomissjoni umli tas-soċjeta` appellant illi d-deċiżjoni tat-Tribunal li minnha qiegħed jiġi ntavolat dan l-appell tiddifetta minn nuqqas serju ta' motivazzjoni u dan jirrendiha difettuża fis-sens illi s-soċjeta` appellant ma tafx almenu x'inhi r-raġuni 'l għaliex l-appell tagħha ġie miċħud u dan *stante* li kif ingħad is-sentenza hija kompletament nieqsa minn ebda konsiderazzjoni tat-Tribunal proprju.

## 6. KONKLUŻJONI

6.1 Għaldaqstant, is-soċjeta` appellanta filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi ġja prodotti u tirriserva li ġġib il-provi kollha li tippermettilha ġġib din l-Onorabbli Qorti, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-10 ta' Mejju 2012.

6.2 Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorita` appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-ewwel (1) ta' Novembru 2012.

Rat ir-risposta ta' Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 19 ta' Gunju 2012 a fol 10 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi kkjamat in kawza **Rudolphe Gaerty** li hu l-applikant.

2. Illi preliminarjament l-Awtorita' esponenti tirrileva li l-appell *de quo* huwa null u irritu in kwantu l-appellant m'ghandux dritt jintavola l-appell odjern peress illi ai terminu ta' para. 11 tat-Tieni Skeda tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa espressament ipprojbit li *third party objector* jappella quddiem din l-Qorti tal-Appell.

3. Illi preliminarjament jinghad ukoll illi l-appell interpost huwa nsostenibbli legalment peress illi mhux punt tal-ligi u skont il-ligi jista jsir appell quddiem din l-Onorabbli Qorti biss fuq punt ta' Ligi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-decizjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-10 ta' Mejju 2012 hija gusta w ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha u m'hemmx lok li tigi disturbata la fattwalment u lanqas legalment.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-kaz odjern it-Tribunal applika l-*policies* rilevanti skont ic-cirkostanzi u l-fatti speci partikolari tal-kaz u f'tali applikazzjoni t-

Tribunal uza d-diskrezzjoni tieghu kif kellu d-dritt jaghmel skont il-Ligi.

6. Illi fil-meritu l-aggravji kollha mressqa mill-appellant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* ghas-segwenti ragunijiet:

a. L-aggravju uniku imressaq mill-appellant jirrigwarda l-allegazzjoni illi d-decizjoni mertu ta' dan l-appell hija kompletament nieqsa minn kull motivazzjoni u kwindi, t-Tribunal naqas milli jindirizza u jitratta l-ilmenti mressqa mill-appellant.

b. Jigi umilment sottomess illi l-impressjoni illi qed tinghata mill-appellant fl-appell *de quo,* u cioe' illi *t-Tribunal skarta ghal-kollox l-aggravji tas-socjeta' appellanti u ma ta ebda raguni tieghu propju sabiex jiggustifika ghaliex l-appell kien qed jigi michud,* hija assolutament impressjoni skoretta; u dan huwa ikkonfermat bl-aktar mod lampanti mis-semplici qari tas-sentenza mertu ta' dan l-appell.

c. Illi mill-qari tal-istess sentenza, jirrizulta illi t-Tribunal ghamel ezattament l-oppost ta' dak illi qed jallega l-appellant; u cioe' mhux talli ma naqasx milli jikkonsidera l-aggravji mressqa mill-istess appellant, talli fil-parti dispozittiva tas-sentenza, it-Tribunal elenka l-aggravji kollha imressqa mill-appellant u forna spegazzjoni l-ghala l-istess aggravji kienu qeghdin jigu michuda. Il-fatt illi t-Tribunal approva l-argumenti tal-Awtorita' Appellata, u ghamel tieghu uhud mis-sottomissjonijiet imressqa mill-istess, certament illi ma jfissirx illi t-Tribunal naqas milli jimmovita id-decizjoni tieghu. A skans ta' ripetizzjoni inutili, issir referenza ghall-parti dispozittiva tas-sentenza, senjatament fol 6 u fol 7 tal-istess, fejn hemm indikati ir-ragunijiet u l-motivazzjonijiet illi sejsu d-decizjoni tat-tribunal.

d. Illi jirrizullta ghalhekk illi t-Tribunal ta' aditu ghas-sottomissjonijiet kollha imressqa mill-partijiet rispettivi, ikkonstata l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz in desamina u applika l-*policies* u l-pjanijiet vigenti fid-dawl tac-

cirkostanzi partikolari tal-kaz. Tenut kont dan kollu, hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti illi l-appell *de quo* ma jammonta ghal xejn hlief talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tidhol fl-ezercizzju illi tissindika l-evalwazzjoni fattwali illi ghamel it-Tribunal sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu; liema ezercizzju jezorbita mill-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan kif kostantament ritenut mill-gurisprudenza nostrana.

e. Illi in oltre jigi umilment sottomess illi, ghalkemm ma giex imressaq aggravju f'dan is-sens, l-appell *de quo*, effettivament, huwa intenzjonat sabiex dina l-Onorabbli Qorti, toffri l-interpretazzjoni taghha tal-*policies* u l-pjanijiet applikabli ghall-kaz, b'mod illi l-istess interpretazzjoni ghandha twassal ghar-rifjut tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell; fuq dan il-punt jigi sottomess illi hija pacifika l-gurisprudenza li tirritjeni li l-interpretazzjoni tal-Ligijiet, regolamenti u *policies* tal-ippjanar, huwa kompitu illi jaqa' esklussivament fil-mansjoni tal-ezercizzju tal-poteri tal-organi tal-ippjanar, u l-ahhar arbitru dwarhom huwa t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar u mhux din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tichad *in toto* l-appell tar-rikorrent bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta' Awwissu 2012 a fol 14 tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja tal-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**Andrew Mifsud ghas-socjeta` Solidsan Ltd vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-ewwel (1) ta' Novembru 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Marisa Azzopardi ghas-socjeta` appellata. Dr. Noel Bartolo irtira r-risposta prezentata minnu fil-31 ta' Ottubru 2012 u l-Qorti tatu l-inkartament *seduta stante* peress li diga` kienet prezentata risposta fid-19 ta' Gunju 2012. Il-Qorti jidhrilha li dritt wiehed biss ghandu jithallas fuq ir-

risposta diga` prezentata in atti. Dr. Marisa Azzopardi qajmet il-punt illi s-sentenza tista' tkun nulla minhabba li l-applikant mhux indikat fl-okkju. Dr. Noel Bartolo irrimetta ruhu. Il-Qorti ser triddeciedi fuq dan il-punt ukoll, pero` jekk tilqa' l-aggravju issa mqajjem tieqaf hemm. Il-kawza giet differita ghal decizjoni ghad-29 ta' Novembru 2012

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa bbazat fuq il-gravamm li d-decizjoni tat-Tribunal ma kinitx motivata skont il-ligi u dan ghaliex ma tratta bl-ebda mod dak sottomess mill-appellanti quddiem l-istess Tribunal u kull ma sar kien biss li gew elenkati tali sottomissjonijiet ta' parti u ta' ohra u kull ma qal it-Tribunal kien biss li *"dawn ic-cirkostanzi partikolari, ma jirrizultax sodisfacentement li hemm lok ghar-revoka tal-permess moghti lill-applikant".* Dan irendi fih innifsu tali decizjoni tat-Tribunal bhala nulla u bla effett.

Illi l-ewwel pregudizzjali tal-Awtorita' appellata hija li skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 11 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504** li jaghmel riferenza ghall-**artikolu 68 (4) tal-Kap. 504** (dwar persuna interessata). Ma hemm l-ebda dubju li tali skeda citata tghid li persuna interessata ma tistax taghmel appell minn decizjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti. Izda dan ma jaqbilx ma' dak li jipprovdi l-**artikolu 41 (6)** li jipprovdi li jista' jsir appell mill-appellant quddiem it-Tribunal u minn kull partijiet ohra fl-appell. Ma hemmx dubju li dawn id-disposizzjonijiet huma kontradittorji ghal xulxin, u din il-Qorti fic-cirkostanzi trid teddeciedi fuq dak li hemm fl-istess Att, u thoss li ghandha timxi ma' dak li hemm fl-**artikolu 41 (6) tal-Kap. 504** li

jaghti dan id-dritt ta' appell, u dan minkejja dak li hemm provdut fl-imsemmija Skeda. Dan anke ghaliex l-istess Skeda tirreferi fuq kollox ghal applikabbilta' tal-**artikolu 41** u hija ntiza sabiex tirregola tali appelli quddiem it-Tribunal u mhux sabiex telimina d-dritt li l-artikolu tal-Ligi stess qed jaghti ta' appell quddiem din il-Qorti, kemm lill-appellant quddiem it-Tribunal u kemm lill-partijiet ohra.

Dwar il-mertu ta' dan l-appell jidher car mid-decizjoni tat-Tribunal li kull ma sar kien li gew elenkati l-aggravji u l-argumenti tal-appellant, saret riferenza ghal dak li gie deciz mill-Kummissjoni u mbaghad inghad testwalment li *"dawn ic-cirkostanzi partikolari, ma jirrizultax sodisfacentement li hemm lok ghar-revoka tal-permess moghti lill-applikant".*

Certament li b'dan il-mod ma' jistax jinghad li l-aggravji tal-appellanti gew b'xi mod indirizzati; anzi jidher li lanqas biss verament u attwalment ma gew trattati u kull ma sar kien biss li t-Tribunal irrepeta dak li gie deciz mill-Kummissjoni, izda ma hemm xejn dwar dak li kien sottomess quddiemu; b'hekk il-konkluzjoni minnu raggunta, almenu kif formulata ma ghandha ebda motivazzjoni jew spjegazzjoni ghaliex it-Tribunal wasal ghaliha. B'dan il-mod u kif redatta d-decizjoni jidher car li l-impressjoni ta' kull min jaqra l-istess decizjoni hija li l-punti u l-aggravji mqajjma mill-appellanti quddiemu ma gewx trattati u kkonsidrati.

Illi fil-fatt minn ezami tal-atti processwali u d-decizjoni tat-Tribunal din il-Qorti thoss li fil-verita' t-Tribunal fid-decizjoni tieghu bl-ebda mod ma kkonsidra jew b'xi mod tratta l-aggravji mressqa mill-appellanti quddiemu u lanqas ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula quddiemu mill-appellant u fuq kollox naqas milli jidhol fil-punt krucjali li kien iddetermina d-decizjoni tal-Kummissjoni u minnha sar appell.

Illi fil-fatt dak li nghad fl-istess decizjoni huwa biss *"dawn ic-cirkostanzi partikolari, ma jirrizultax sodisfacentement li hemm lok ghar-revoka tal-permess moghti lill-applikant"* u dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti la jammonta ghal

motivazzjoni tal-istess decizjoni u lanqas jittratta l-punti mressqa quddiemu miz-zewg partijiet, b'dan li jista' jinghad li din id-decizjoni ma hijiex motivata skont il-ligi u dan irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Maltacom plc vs Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Gunju 2008) huwa necessarju li decizjoni tkun fiha r-ragunament ghaliex min iddecieda ikun wasal ghal tali decizjoni u din ma hijiex kwistjoni semplici li t-Tribunal naqas li jaghti risposta dettaljata ghal kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni ghax naqset li titratta u tiddeciedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Natalia Aquilina vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 17 ta' Mejju 2011) inghad li din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv jew qausi gudizzjarju ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz it-Tribunal ghandu d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjonijiet li tressqu quddiemu, kemm dawk legali u dawk fattwali b'mod li jittratta dak li huwa rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz **("Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.C. – 28 ta' Gunju 2002). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex isir dan l-istess Arbitru, u tribunal jew organu gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni quddiemu u dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-

opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b'dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta' natura legali u fattwali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b'hekk biss jista' jinghad li decizjoni f'dan il-kuntest tkun verament motivata **("Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** – A.C. – 4 ta' Marzu 2002; **"Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa"** – A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero' min-naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi sjorat u anke sorvolat b'deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta' konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti **("Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et"** – A.I.C. (PS) – 23 ta' Jannar 2004) **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010); **"Mario Attard vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2011).

Illi fil-fatt fis-sentenza appena citata **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010) inghad li:-

*"…..il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborate, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi ndividwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara ed ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Mercieca vs Water Services Corporation"** Appell Inferjuri, 27 ta' Frar 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa ricentement hafna, abbracjata mill-Qorti tal-Appell kollegjali in re: **Frank P. Borg. Limited vs Joseph Camilleri",** 28 ta' Mejju 2010".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 30 ta' Jannar 2009) tant li gie ritenut li:-

*"fl-adempjiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew punti kollha ta' dritt izda*

*sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

Illi fis-sentenza **"Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Lulju 2001) inghad li huwa principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. *"Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom".*

Illi hekk fid-decizjoni **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti d-decizjoni taghhom u mhux jisfjorahom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjoni ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas tal-istess, l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiemha **("Marie Louis Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; **"Philip Micallef vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' April 2008; **"Victor Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

Illi sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li t-Tribunal u kull

gudikant ghandhu fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghal dak sottomess mill-partijiet quddiemu, *in vista* u in omagg tal-principju *audi alteram partem* u ta' smigh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata. Dan fil-kaz odjern ma jidhirx li sar fid-decizjoni hawn suggetta ghal dan l-appell, u dan iktar u iktar meta l-aggravji kienu cari u l-eccezzjonijiet ghall-istess ben impostati, u t-Tribunal ghalkemm elenkaw imbaghad naqas li jidhol fihom izda irrepeta biss kif inhadet id-decizjoni mill-Kummissjoni, meta li kellu jaghmel kien li jittratta l-aggravji mill-istess decizjoni quddiemu.

B'hekk it-Tribunal wara li jiehu in konsiderazzjoni il-fatti relattivi u determinanti ghall-kaz in kwistjoni, u dan jinkludi kemm dak favur jew kontra xi wiehed jew iktar mill-partijiet quddiemu, huwa kellu jittratta l-istess u jaghti r-ragunijiet ghaliex huwa qed jilqa' jew jichad tali aggravji fid-dawl ta' dak eccepiet mill-partijiet l-ohra u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar jasal ghall-konkluzjoni tieghu, wara li jikkonsidra l-provi u s-sottomissjonijiet <u>kollha</u> quddiemu, haga li f'dan il-kaz ma saritx.

Illi dan huwa kaz mhux ta' kwistjoni ta' mankanza ta' xi ezami profond, jew xi motivazzjoni b'mod telegrafiku, izda mankanza totali tal-istess Tribunal li jittratta u jikkonsidra u jghati decizjoni motivata fuq il-punti esposti quddiemu mill-istess partijiet b'dan li certament li bid-decizjoni tieghu mertu ta' dan l-appell ma jistax jinghad li l-istess aggravi u sottomissjonijiet maghmula quddiemu gew b'xi mod investiti, trattati u decizi u l-konkluzjoni raggunta fl-istess decizjoni ma ghandha motivazzjoni jew spjegazzjoni ta' xejn. B'hekk tali decizjoni tikser anke wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u allura dan l-aggravju tal-appellanti qed jigi milqugh ghaliex il-punti in diskussjoni bl-ebda mod ma jista' jinghad li gew ezaminati u wisq inqas investiti u spjegati fid-decizjoni appellata b'dan li allura isegwi li l-mertu tal-appell ma giex effettivament ikkunsidrat u deciz. F'dan il-kaz ma hemmx wiehed x'jaghmel hlief li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal

ghal decizjoni motivata skont il-ligi (**"Gordon Agius vs Avukat Generali"** – Q.K. – 20 ta' Dicembru 2000); **"Philip Zerafa vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** – A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010); **"Anna Maria Cavallari vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** - A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010); **"Joseph Saliba vs Imperial Hotel"** (A.I.C. (PS) – 11 ta' Dicembru 2009).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 19 ta' Gunju 2012 fejn l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Solidsan Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 25 ta' Mejju 2012** u dan fis-sens hawn deciz u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **"Andrew Mifsud nomine vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (Appell Numru 148/08 CF – PA 5330/11** tal-10 ta' Mejju 2012 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar debitament kompost skont il-Ligi, sabiex fid-dawl ta' dak u skont dak deciz f'din is-sentenza u in konformita' mal-istess jiddisponi mill-kaz skont il-Ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------